REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1646

tat-13 ta' Lulju 2018

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'applikazzjoni għal awtorizzazzjoni u f'applikazzjoni għar-reġistrazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 34(8) tiegħu,

Billi:

(1) Dan ir-Regolament jistiupla l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti għandha tirċievi flimkien ma' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jew ir-reġistrazzjoni ta' amministratur tal-parametri referenzjarji, skont il-karatteristiċi tal-applikant jew tal-parametri referenzjarji pprovduti u intiżi għall-użu fl-Unjoni. Din l-ispeċifikazzjoni tal-informazzjoni li trid tiġi pprovduta fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni u fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tippromwovi proċess komuni u konsistenti madwar l-Unjoni.

(2) Huwa importanti għall-awtorità kompetenti li tirċievi l-informazzjoni stipulata f'dan ir-Regolament biex tkun tista' tivvaluta jekk l-arranġamenti stabbiliti mill-applikant għall-awtorizzazzjoni jew ir-reġistrazzjoni jissodisfawx ir-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (UE) 2016/1011.

(3) Sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivvaluta jekk hemmx xi kunflitti ta' interess li jinbtu mill-attività tal-parametru referenzjarju u l-interessi kummerċjali tas-sidien tal-applikant jistgħux jaffettwaw l-indipendenza ta' dak l-applikant fil-kalkolu tal-parametru referenzjarju u b'hekk ifixklu l-preċiżjoni u l-integrità tal-parametru referenzjarju, jenħtieġ li l-applikant ikun meħtieġ jissottometti informazzjoni rigward l-attivitajiet tas-sidien tiegħu u s-sjieda tal-impriżi ommijiet tiegħu.

(4) L-applikant għandu jagħti informazzjoni dwar il-kompożizzjoni, il-funzjonament u l-indipendenza, fil-kalkolu tal-parametru referenzjarju, tal-korpi li jiggvernawh sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivvaluta jekk l-istruttura ta' governanza korporattiva tiżgurax l-indipendenza tal-applikant fil-kalkolu ta' parametru referenzjarju u l-evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess.

(5) L-applikant għandu jagħti informazzjoni dwar il-politiki u l-proċeduri tiegħu rigward l-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-mitigazzjoni u d-divulgazzjoni ta' kunflitti ta' interess b'rabta mal-attività tiegħu tal-provvediment ta' parametri referenzjarji jew familji ta' parametri referenzjarji. Għal parametri referenzjarji ta' importanza kritika, minħabba l-importanza sistemika ikbar li għandhom, jenħtieġ li applikant jagħti lill-awtorità kompetenti inventarju aġġornat tal-kunflitti ta' interess eżistenti, flimkien ma' spjegazzjoni ta' kif dawn jiġu ġestiti.

(6) Biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tevalwa l-pertinenza u r-robustezza tal-istruttura ta' kontroll intern u l-qafas ta' sorveljanza u akkontabilità, jenħtieġ li l-applikant jipprovdi l-politiki u l-proċeduri tal-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-provvediment ta' parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji. Din l-informazzjoni hija meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tivvaluta jekk dawn il-politiki u l-proċeduri jissodisfawx ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2016/1011.

(7) Jenħtieġ li tkun ukoll inkluża fl-applikazzjoni informazzjoni biex turi lill-awtorità kompetenti li l-kontrolli fuq id-*data* tal-input użati biex jiddeterminaw il-parametri referenzjarji pprovduti mill-applikant huma adegwati biex jiżguraw ir-rappreżentattività, l-akkuratezza u l-integrità ta' tali *data*, u li l-metodoloġija applikata għall-kalkolu tal-parametri referenzjarji jkollhom il-karatteristiċi kollha meħtieġa mir-Regolament (UE) 2016/1011.

(8) Biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivvaluta kemm parametru referenzjarju tassew jirrappreżenta r-realtà ekonomika li huwa intiż li jkejjel, jenħtieġ li l-applikant jagħti lill-awtorità kompetenti deskrizzjoni tal-parametru

([1]) ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1.

referenzjarju jew il-familja ta' parametri referenzjarji pprovduti jew intiżi li jiġu pprovduti u t-tip ta' parametru referenzjarju li jappartjenu għalih, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/1011. It-tip li parametru referenzjarju jappartjeni għalih għandu jiġi vvalutat skont l-aħjar għarfien tal-applikant u jenħtieġ li jiġi pprovdut flimkien ma' indikazzjoni tas-sorsi ta' *data* użati, sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tifhem kemm l-informazzjoni sottostanti hija affidabbli u eżawrjenti.

(9) Il-kontenut ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni meta l-applikant ikun persuna fiżika għandu jkun imniżżel speċifikament għax l-arranġament organizzattiv tal-amministratur se jkun differenti ħafna minn dak ta' persuni ġuridiċi.

(10) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati ppreżentati mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-Kummissjoni.

(11) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Assigurazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(12) Jenħtieġ li l-amministraturi jingħataw biżżejjed ħin biex iħejju l-applikazzjonijiet u biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u mal-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Anness. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika xahrejn wara li jkun daħal fis-seħħ.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Rekwiżiti ġenerali

1. Applikazzjoni skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2016/1011 għandu jkun fiha, skont kif ikun xieraq, informazzjoni li tinkludi dan li ġej:

(a) entrati mniżżlin fl-Anness I, meta l-applikant ikun persuna ġuridika li qed tapplika għall-awtorizzazzjoni;

(b) entrati mniżżlin fl-Anness II, meta l-applikant ikun persuna ġuridika li qed tapplika għar-reġistrazzjoni;

(c) entrati mniżżlin fl-Anness I, meta l-applikant ikun persuna naturali li qed tapplika għall-awtorizzazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni mniżżla fil-punti (c), (f), (h) u (i) tal-paragrafu 1 tal-Anness I;

(d) entrati mniżżlin fl-Anness II, meta l-applikant ikun persuna naturali li qed tapplika għar-reġistrazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni mniżżla fil-punti (c), (f), (h) u (i) tal-paragrafu 1 tal-Anness II.

2. L-applikazzjoni jista' jkun fiha informazzjoni fil-livell ta' familja ta' parametri referenzjarji biss meta l-ebda wieħed mill-parametri referenzjarji fil-familja ma jkun inkluż fil-lista ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika stabbilita f'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011.

3. Meta l-applikant ikun naqas milli jipprovdi xi informazzjoni meħtieġa, l-applikazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni ta' għala dik l-informazzjoni ma ngħatatx.

4. L-applikant ma għandux ikun meħtieġ jipprovdi l-informazzjoni mniżżla fil-punti minn (f) sa (j) tal-paragrafu 1 tal-Anness I jew l-Anness II, skont kif ikun applikabbli, sa fejn l-applikant diġà jkun sorveljat fl-Istat Membru mill-istess awtorità kompetenti għal attivitajiet oħrajn minbarra l-provvediment ta' parametri referenzjarji.

Artikolu 2

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għal tipi ta' parametri referenzjarji

1. Għal kull parametru referenzjarju mhux sinifikanti li jipprovdi, applikant jista' jippreżenta l-informazzjoni meħtieġa mill-paragrafu 6 tal-Anness I jew, meta jkun applikabbli, mill-paragrafu 6 tal-Anness II fil-forma ta' sommarju.

2. Entitajiet mhux taħt superviżjoni li jipprovdu parametri referenzjarji ta' importanza kritika u sinifikanti għandhom jippreżentaw l-informazzjoni mniżżla fl-Anness I.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

3. Entitajiet taħt superviżjoni li jipprovdu biss parametri referenzjarji li mhumiex ta' importanza kritika għandhom jippreżentaw l-informazzjoni mniżżla fl-ewwel kolonna tal-Anness II.

4. Applikant li jipprovdi biss parametri referenzjarji li mhumiex sinifikanti għandu jippreżenta l-informazzjoni mniżżla fit-tieni kolonna tal-Anness II.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 4, applikant li jipprovdi biss parametri referenzjarji ta' *data* regolata ma għandux jippreżenta l-informazzjoni mniżżla fil-punti 5(c), 6(a)(iii) u 6(a)(iv) tal-Anness I u l-Anness II.

6. Applikant li jipprovdi biss parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax għandu jippreżenta l-informazzjoni mniżżla fl-Annessi ta' dan ir-Regolament u għandu jispeċifika kif ir-rekwiżiti speċifiċi stipulati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1011 huma implimentati meta d-dispożizzjonijiet fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1011 japplikaw flimkien ma', jew minflok, ir-rekwiżiti fit-Titolu II tar-Regolament (UE) 2016/1011, skont l-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament.

7. Applikant li jipprovdi biss parametri referenzjarji tal-komoditajiet għandu jipprovdi l-informazzjoni mniżżla fl-Anness I ta' dan ir-Regolament jekk ikun entità mhux taħt superviżjoni jew jekk jipprovdi parametri referenzjarji ta' importanza kritika. Jekk huwa entità taħt superviżjoni u l-ebda mill-parametri referenzjarji li jipprovdi ma jkun ta' importanza kritika, huwa għandu jipprovdi l-informazzjoni mniżżla fl-ewwel kolonna tal-Anness II. L-applikant għandu jispeċifika kif ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1011 huma implimentati għal kwalunkwe parametru referenzjarju tal-komoditajiet soġġett għall-Anness II minflok it-Titolu II tar-Regolament (UE) 2016/1011 skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1011.

Artikolu 3

Informazzjoni speċifika rigward politiki u proċeduri

1. Kwalunkwe politiki u proċeduri pprovduti f'applikazzjoni għandhom jinkludu jew ikunu akkumpanjati minn:

(a) indikazzjoni tal-identità tal-persuna jew persuni responsabbli għall-approvazzjoni u l-manutenzjoni tal-politiki u l-proċeduri;

(b) deskrizzjoni ta' kif il-konformità mal-politiki u l-proċeduri hija mmonitorjata u l-identità tal-persuni inkarigati minn dan il-monitoraġġ;

(c) deskrizzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu adottati f'każ ta' ksur tal-politiki u proċeduri;

2. Applikant li huwa parti minn grupp jista' jikkonforma mal-paragrafu 1 billi jippreżenta l-politiki u l-proċeduri tal-grupp tiegħu meta dawn ikunu relatati mal-provvediment ta' parametri referenzjarji.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-25 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Informazzjoni li trid tingħata f'applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2016/1011

1. INFORMAZZJONI ĠENERALI

(a) L-isem sħiħ tal-applikant u l-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) tiegħu.

(b) Indirizz tal-uffiċċju fl-Unjoni Ewropea.

(c) Status legali.

(d) Sit web, jekk ikun hemm.

(e) Fir-rigward tal-persuna ta' kuntatt għall-finijiet tal-applikazzjoni:

(i) l-isem;

(ii) it-titlu;

(iii) l-indirizz;

(iv) l-indirizz tal-posta elettronika;

(v) numru tat-telefon.

(f) Meta l-applikant ikun entità taħt superviżjoni, l-informazzjoni dwar l-istatus attwali ta' awtorizzazzjoni tiegħu, inklużi l-attivitajiet li għalihom huwa awtorizzat u l-awtorità kompetenti rilevanti tiegħu fl-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu.

(g) Deskrizzjoni tal-operat tal-applikant fl-Unjoni Ewropea, jekk huwiex soġġett jew le għar-regolamentazzjoni finanzjarja, b'relevanza għall-attività tal-forniment ta' parametri referenzjarji, flimkien ma' deskrizzjoni ta' fejn jitwettqu dawn l-operazzjonijiet.

(h) Kull att ta' inkorporazzjoni, artikli ta' assoċjazzjoni jew dokumenti kostituzzjonali oħra.

(i) Meta l-applikant ikun parti minn grupp, l-istruttura tal-grupp tiegħu flimkien ma' tabella li turi s-sjieda, li turi r-rabtiet bejn kull impriża omm u s-sussidjarji. L-impriżi u s-sussidjarji murija fit-tabella għandhom ikunu identifikati mill-isem sħiħ tagħhom, l-istatus legali u l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat jew l-uffiċċju prinċipali.

(j) Awtodikjarazzjoni ta' reputazzjoni tajba inklużi dettalji, jekk applikabbli, ta' kull:

(i) proċedimenti ta' natura dixxiplinarja kontrih (sakemm ma jkunux ġew miċħuda);

(ii) rifjut ta' awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni minn awtorità finanzjarja;

(iii) irtirar ta' awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni minn awtorità finanzjarja.

(k) Għadd ta' parametri referenzjarji pprovduti.

2. STRUTTURA ORGANIZZAZZJONALI U GOVERNANZA

(a) Struttura organizzazzjonali interna fir-rigward tal-bord tad-diretturi, kumitati tal-ġestjoni superjuri, funzjoni ta' sorveljanza u kull korp intern ieħor li jeżerċita funzjonijiet ta' ġestjoni sinifikanti involut fil-provvediment ta' parametru referenzjarju, fosthom:

(i) it-termini ta' referenza jew sommarju ta' dawn tagħhom; kif ukoll

(ii) l-aderenza tagħhom għal kwalunkwe kodiċijiet ta' governanza jew dispożizzjonijiet simili.

(b) Proċeduri li jiżguraw li l-impjegati tal-amministratur, u kull persuna fiżika oħra li s-servizzi tagħha jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu, u li huma direttament involuti fil-forniment ta' parametru referenzjarju, ikollhom il-ħiliet, l-għarfien u l-esperjenza meħtieġa għad-dmirijiet assenjati lilhom u li joperaw b'rispett tad-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/1011;

(c) L-għadd ta' impjegati (temporanji u permanenti) involuti fil-forniment ta' parametru referenzjarju.

3. KUNFLITTI TA' INTERESS

(a) Politiki u proċeduri li jindirizzaw:

(i) kif il-kunflitti ta' interess attwali u potenzjali jiġu jew se jiġu identifikati, irrekordjati, ġestiti, mitigati, prevenuti jew rimedjati;

(ii) ċirkostanzi partikolari li jgħoddu għall-applikant jew għal xi parametru referenzjarju partikolari pprovdut mill-applikant, b'rabta ma' liema l-kunflitti ta' interess huwa l-iktar probabbli li jinqalgħu, inkluż meta l-ġudizzju espert jew id-diskrezzjoni esperta jiġu eżerċitati fil-proċess ta' determinazzjoni tal-parametru referenzjarju, meta l-applikant ikun fl-istess grupp bħala utent ta' parametru referenzjarju u meta l-applikant ikun parteċipant fis-suq jew ir-realtà ekonomika li l-parametru referenzjarju huwa intiż li jkejjel.

(b) Għal parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji, lista ta' kull kunflitt ta' interess materjali identifikat, flimkien mal-miżuri ta' mitigazzjoni rispettivi. Għal kull parametru referenzjarju ta' importanza kritika, inventarju aġġornat ta' kunflitti ta' interess reali u potenzjali flimkien mal-miżuri ta' mitigazzjoni rispettivi.

(c) L-istruttura tal-politika ta' remunerazzjoni, li tispeċifika l-kriterji użati biex tiġi ddeterminata r-remunerazzjoni tal-persuni involuti direttament jew indirettament fl-attività tal-forniment tal-parametri referenzjarji.

4. STRUTTURA TA' KONTROLL INTERN, QAFAS TA' SORVELJANZA U RESPONSABILITÀ

(a) Politiki u proċeduri għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-forniment ta' parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji, inklużi dawk relatati ma:

(i) sistemi ta' teknoloġija tal-informatika;

(ii) il-ġestjoni tar-riskji, flimkien ma' mmappjar tar-riskji li jistgħu jinqalgħu u li jistgħu jħallu impatt fuq l-akkuratezza, l-integrità u r-rappreżentattività tal-parametru referenzjarju pprovdut jew il-kontinwità tal-attività tal-forniment, flimkien mal-miżuri ta' mitigazzjoni rispettivi;

(iii) il-kostituzzjoni, ir-rwol u l-funzjonament tal-funzjoni ta' sorveljanza, kif deskritta fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1011 u speċifikata ulterjorment fl-istandards tekniċi regolatorji adottati skont l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2016/1011 ([1]), inklużi proċeduri għall-ħatra, is-sostituzzjoni jew it-tneħħija ta' individwi fi ħdan il-funzjoni ta' sorveljanza;

(iv) il-kostituzzjoni, ir-rwol u l-funzjonament tal-qafas ta' kontroll, kif deskritt fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/1011, inklużi proċeduri għall-ħatra, is-sostituzzjoni jew it-tneħħija ta' individwi responsabbli għal dan il-qafas;

(v) il-qafas ta' responsabbiltà kif deskritt fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/1011, inklużi proċeduri għall-ħatra, is-sostituzzjoni jew it-tneħħija ta' individwi responsabbli għal dan il-qafas.

(b) Pjanijiet ta' kontinġenza għad-determinazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' parametru referenzjarju fuq bażi temporanja, inklużi l-kontinwità tal-operat, u pjanijiet ta' rkupru minn diżastri.

(c) Proċeduri għar-rappurtar intern tal-ksur tar-Regolament (UE) 2016/1011 mill-maniġers, impjegati u persuni fiżiċi oħrajn li s-servizzi tagħhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-applikant jew taħt il-kontroll tiegħu.

5. DESKRIZZJONI TAL-PARAMETRI REFERENZJARJI JEW FAMILJI TA' PARAMETRI REFERENZJARJI FORNUTI

(a) Deskrizzjoni tal-parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji fornuti jew li l-applikant beħsiebu jforni u t-tip li l-parametru referenzjarju jappartjeni għalih, sa fejn ikun jaf l-applikant u filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/1011, flimkien ma' indikazzjoni tas-sorsi użati biex jiddeterminaw it-tip ta' parametru referenzjarju.

(b) Deskrizzjoni tas-suq sottostanti jew ir-realtà ekonomika li l-parametru referenzjarju jew il-familja ta' parametri referenzjarji huma intiżi li jkejlu, flimkien ma' indikazzjoni tas-sorsi użati biex tingħata din id-deskrizzjoni.

(c) Deskrizzjoni tal-kontributuri għal parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji, flimkien mal-kodiċi ta' kondotta kif deskritt fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2016/1011 u għall-parametri referenzjarji ta' importanza kritika, l-isem u l-post tal-kontributuri.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1637 tat-13 ta' Lulju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-proċeduri u l-karatteristiċi tal-funzjoni ta' sorveljanza (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(d) Informazzjoni dwar miżuri biex jindirizzaw korrezzjonijiet fid-determinazzjoni jew il-pubblikazzjoni ta' parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji.

(e) Informazzjoni dwar il-proċedura li trid issir mill-amministratur fil-każ ta' bidliet jew fit-tmiem ta' parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji f'konformità mal-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011.

6. *DATA* TAL-INPUT U METODOLOĠIJA

(a) Għal kull parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji, il-politiki u l-proċeduri fir-rigward tad-*data* tal-input, inkluża dik relatata ma':

(i) it-tip ta' *data* tal-input użata, il-prijorità tal-użu tagħha u kull eżerċizzju ta' diskrezzjoni jew ġudizzju espert;

(ii) kwalunkwe proċess biex jiġi żgurat li d-*data* tal-input hija suffiċjenti, xierqa u verifikabbli;

(iii) il-kriterji li jiddeterminaw min jista' jikkontribwixxi *data* tal-input lill-amministratur u l-proċedura tal-għażla tal-kontributuri;

(iv) l-evalwazzjoni tad-data tal-input tal-kontributuri u l-proċess tal-validazzjoni tad-*data* tal-input.

(b) Għal kull parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji, fir-rigward tal-metodoloġija:

(i) deskrizzjoni tal-metodoloġija li tenfasizza l-elementi ewlenin tal-metodoloġija skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/1011 u speċifikata ulterjorment fl-istandards tekniċi regolatorji adottati skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2016/1011 ([1]);

(ii) Politiki u proċeduri inklużi dawk relatati ma':

(1) il-miżuri meħudin biex jipprovdu validazzjoni u rieżami tal-metodoloġija, inkluż kull prova jew testijiet retrospettivi mwettqa;

(2) il-proċess ta' konsultazzjoni dwar kull bidla materjali proposta fil-metodoloġija.

7. ESTERNALIZZAZZJONI

Meta attività li tifforma parti mill-proċess għall-forniment ta' parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji tiġi esternalizzata:

(a) l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni relevanti, inklużi ftehimiet dwar il-livell ta' servizz, li juru konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/1011;

(b) dettalji tal-funzjonijiet esternalizzati sakemm din l-informazzjoni ma tkunx diġà inkluża fil-kuntratti rilevanti;

(c) politiki u proċeduri rigward is-sorveljanza tal-attivitajiet esternalizzati.

8. INFORMAZZJONI OĦRA

(a) L-applikant jista' jagħti kwalunkwe informazzjoni addizzjonali relevanti għall-applikazzjoni tiegħu li huwa jqis xierqa.

(b) L-applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni rekwiżita bil-mod u fil-forma stipulati mill-awtorità kompetenti.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1641 tat-13 ta' Lulju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ulterjorment l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-amministraturi ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika jew sinifikanti dwar il-metodoloġija użata biex jiġi ddeterminat il-parametru referenzjarju, ir-rieżami u l-approvazzjoni interni tal-metodoloġija u dwar il-proċeduri biex isir tibdil materjali fil-metodoloġija (ara l-paġna 21 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ANNESS II

Informazzjoni li trid tingħata f'applikazzjoni għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2016/1011

"A" tfisser "Applikabbli"

"N/A" tfisser "Mhux applikabbli"

Entrata fl-Anness I		Entitajiet taħt superviżjoni li jipprovdu biss parametri referenzjarji mhux ta' importanza kritika	Entitajiet li jipprovdu biss parametri referenzjarji mhux ta' importanza kritika
1) **Informazzjoni ġenerali**			
1(a)	Isem sħiħ	A	A
1(b)	Indirizz	A	A
1(c)	L-istatus legali	A	A
1(d)	Sit web	A	A
1(e)	Persuna ta' kuntatt	A	A
1(f)	Status ta' awtorizzazzjoni attwali	A [1]	A [1] għal entitajiet taħt superviżjoni N/A għal entitajiet mhux taħt superviżjoni
1(g)	Operazzjonijiet imwettqa	A [1]	A [1]
1(h)	Dokumenti kostituzzjonali	A [1]	A [1]
1(i)	Struttura tal-grupp	A [1]	A [1]
1(j)	Awtodikjarazzjoni ta' reputazzjoni tajba	A [1]	A [1]
1(k)	Għadd ta' parametri referenzjarji	A	A
2) **Struttura organizzazzjonali u governanza**			
2(a)	Struttura organizzazzjonali interna	A	A
2(b)	Impjegati	A	A
2(c)	Riżorsi umani	A	N/A
3) **Kunflitti ta' interess**			
3(a)	Politiki u proċeduri	A [2]	A [2] fil-forma ta' sommarju
3(b)	Kunflitti ta' interess materjali	A	N/A
3(c)	Struttura ta' remunerazzjoni	A	A
4) **Struttura ta' kontroll intern, qafas ta' sorveljanza u responsabilità**			
4(a)	Politiki u proċeduri għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-forniment ta' parametru referenzjarju	A	A [3] fil-forma ta' sommarju
4(b)	Arranġamenti interni għad-determinazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' parametru referenzjarju	A	A fil-forma ta' sommarju
4(c)	Rappurtar intern ta' ksur	A	A fil-forma ta' sommarju

Entrata fl-Anness I		Entitajiet taħt superviżjoni li jipprovdu biss parametri referenzjarji mhux ta' importanza kritika	Entitajiet li jipprovdu biss parametri referenzjarji mhux ta' importanza kritika
5) **Deskrizzjoni tal-parametri referenzjarji pprovduti**			
5(a)	Deskrizzjoni	A ([4])	A fil-forma ta' sommarju
5(b)	Suq sottostanti	A ([4])	A fil-forma ta' sommarju
5(c)	Kontributuri	A ([4])	A fil-forma ta' sommarju
5(d)	Korrezzjonijiet	A ([4])	A fil-forma ta' sommarju
5(e)	Bidliet jew tmiem	A ([4])	A fil-forma ta' sommarju
6) ***Data* tal-input u metodoloġija**			
6(a)(i)	Deskrizzjoni tad-*data* tal-input użata	A ([4])	A fil-forma ta' sommarju
6(a)(ii)	*Data* tal-input — suffiċjenti, xierqa u verifikabbli	A A ([4])	A ([5]) fil-forma ta' sommarju
6(a)(iii)	Kontributuri	A A ([4])	A fil-forma ta' sommarju
6(a)(iv)	Evalwazzjoni tad-data tal-input tal-kontributuri u l-validazzjoni tad-*data* tal-input.	A ([6])	N/A
6(b)(i)	Deskrizzjoni tal-metodoloġija	A A ([4])	A fil-forma ta' sommarju
6(b)(ii)(1)	Validazzjoni/Rieżami	A A ([4])	A fil-forma ta' sommarju
6(b)(ii)(2)	Bidliet materjali	A ([6])	N/A
7) **Esternalizzazzjoni**			
7(a)	Kuntratti	A ([6])	N/A
7(b)	Funzjonijiet esternalizzati	A ([6])	A fil-forma ta' sommarju
7(c)	Kontroll	A ([6])	A fil-forma ta' sommarju
8) **Oħrajn**			
8(a)	Informazzjoni addizzjonali	A	A
8(b)	Forma	A	A

([1]) Sakemm ma jkunx diġà ssorveljat mill-istess awtorità kompetenti għal attivitajiet oħra minbarra l-forniment ta' parametri referenzjarji.

([2]) Applikant jista' jagħżel li ma jipprovdix informazzjoni relatata mal-punt 3(a)(iii) tal-Anness I, fir-rigward ta' parametru referenzjarju sinifikanti jew mhux sinifikanti li jforni.

([3]) Applikant jista' ma jipprovdix informazzjoni relatata mal-punt 4(a)(iii) tal-Anness I — bl-eċċezzjoni ta' informazzjoni dwar l-istabbiliment u l-manutenzjoni ta' funzjoni ta' sorveljanza permanenti — il punti 4(a)(iv) u 4(a)(v) tal-Anness I — għal xi informazzjoni li għandha tiġi pprovduta dwar il-qafas ta' kontroll u ta' responsabbiltà — fir-rigward ta' parametru referenzjarju mhux sinifikanti li tforni.

([4]) Entità taħt superviżjoni li tforni kemm parametri referenzjarji sinifikanti u mhux sinifikanti tista' tipprovdi tali informazzjoni f'forma ta' sommarju b'referenza għall-parametri referenzjarji mhux sinifikanti tagħha.

([5]) Applikant jista' jagħżel li ma jipprovdix informazzjoni relatata rigward il-verifikabbiltà tad-*data* tal-input fir-rigward ta' parametru referenzjarju mhux sinifikanti li hu jforni.

([6]) Entità taħt superviżjoni li tforni parametri referenzjarji sinifikanti u mhux sinifikanti tista' tipprovdi tali informazzjoni biss għall-parametri referenzjarji sinifikanti li tforni biss.